**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 t'Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 297/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**HC**

**Vs**

**RS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HC datat 12 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija kienet izzewget lil RS fir-Registru Pubbliku fis-seba' u ghoxrin ta' Awwissu tal-elfejn u erbgha (27/08/2004) u dan iz-zwieg gie registrat bin-numru 1469/4 Dok A;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permess ta' kuntratt datat hamsa u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (25/06/2018) fl-atti tan-Nutar Dr Anton Tabone Dok B;*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u ma kien hemm qatt obbligu ta' hlas ta' manteniment;*

4. *Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante il-fatt, li ghalkemm is-separazzjoni legali sehhet fil-25 ta' Gunju 2018, huma kienu ilhom de facto separati u kien ilhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher ghas-seduta mhejjija minghajr assistenza legali u l-Qorti spjegatlu id-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara illi ma kellux bzonn assistenza legali u li ma kienx qed jopponi ghad-divorzju (vide fol 17);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 6) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-27 ta' Awwissu 2004 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Gunju 2018 fl-atti tan- Nutar Dr Joseph Tabone. Xehdet li hi rrivertiet ghal kunjom xbubitha. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu'

ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**L-intimat xehed** (vide fol 18) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Awwissu 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 1469/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone nhar il-25 ta' Gunju 2018 (vide Dok B fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1469/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**